# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor.Imħallef Dr Giovanni M.Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Numru 125/15**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**George Grech**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2020

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant George Grech detentur tal-karta tal-identita' numru 38670(M) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gżejjer, f'Novembru 2012 u fix-xhur u fis-snin ta' qabel:

(a) Għamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi ħoloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi daħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet, obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew

iffurmati, jew inkella billi żied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

(b) U aktar talli fl-istess żmien u ċirkostanzi xjenetment għamel użu minn att, kitba jew skrittura falza;

(c) U aktar talli fl-istess żmien u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli, u aktar talli xjentement għamel użu minnha;

(d) U aktar talli fl-istess żmien u ċirkostanzi, għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokument ieħor ffalsifikat.

Il-Qorti kienet mitluba li f'każ ta' ħtija, barra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-Liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti esebiti u sabiex tikkundanna lill-imputat għall-ħlas tal-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tad-9 ta' Marzu 2015 fl-ismijiet 'Il-Pulizija v George Grech' mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li biha sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tiegħu u kkundannatu għal sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta kienu sospiżi għal żmien tliet snin mill-jum tas-sentenza. Inoltre b'applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannat lill-imputat biex iħallas lir-Reġistratur tal-Qorti l-ispejjeż tal-esperti s-somma ta' €767.19 rappreżentanti spejjeż konnessi mal-ħatra tal-espert;

Rat r-rikors tal-appell ta' George Grech introdott fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Marzu 2015 permezz ta' liema talab it-

**tħassir** u r-revoka tas-sentenza appellata u konsegwenzjali liberazzjoni tieghu u b'mod sussidjarju talab ir-**riforma** tas-sentenza fir-rigward tal-piena billi tinfliġġi waħda aktar idonea u inqas ħarxa u li tirrispekkja l-każ in eżami.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravam singolari tal-apprezzament legali skorrett da parti tal-ewwel Qorti. Minkejja dan huwa iressaq ukoll argumenti dwar il-mod kif l-ewwel Qorti interpretat il-provi u li ghalhekk huma aktar inducenti ghall-aggravji dwar l-apprezzament tal-provi. Il-Qorti naturalment ser tiehu konjizzjoni ta' kull ragunament mressaq mill-appellant;

2. Il-fatti ta' dan il-kaz huma dwar allegata falsifikazzjoni ta' skrittura ta' trasferiment ta' vettura mpurtata mill-esteru. Qabel xejn, izda, tajjeb li jkunu identifikati l-protagonisti tal-kaz. George Grech u James Grech huma ahwa filwaqt illi Antoine Vassallo huwa *dealer* tal-karozzi. Kwantu l-fatti, huwa pacifiku illi George Grech kien talab lil huh James jimporta vettura mill-Ingilterra ghalih (ghal George) sia ghaliex gia kellu l-esperjenza meta ghamel hekk ghalih inniffsu kif ukoll ghaliex ma kellux gherf tal-uzu tal-*computer.* Din l-importazzjoni ghalhekk saret f'isem James Grech u mill-atti huwa accettat li saret ghan-nom ta' huh George;

3. George Grech ghadda d-detenzjoni ta' din il-vettura lill-Antoine Vassallo bil-ghan li isib il-bejgh taghha bhala dealer tal-karozzi izda peress illi kien skada z-zmien li fih vettura importata tista' tibqa' in cirkolazzjoni minghajr ma tkun imposta penali, Vassallo ssugerixxa illi jsir it-trasferiment tal-vettura fuq ismu ghaliex bhala dealer huwa ezentat milli jirregistra l-vettura bil-pjanci ta' registrazzjoni Maltin. Gara izda li l-vettura imbieghet u inqala' xi dizgwid dwar kemm Antoine Vassallo kellu jrodd flus lill-George Grech u ghalhekk dan tal-ahhar inizzja proceduri fil-Qorti Civili fejn wiehed mix-xhieda kien James Grech li ddikjara li l-firma fuq id-dokument tat-trasferiment ma kienitx tieghu. Tajjeb li jkun senjalat illi l-vettura qatt ma daret minn fuq James Grech ghal fuq huh izda direttament ghall-fuq Antoine Vassallo u ghal dan il-ghan seta' jiffirma biss James Grech bhala it-titolari tal-vettura;

4. In vista ta' din id-dikjarazzjoni minn James Grech, il-Qorti tal-Magistrati, Sede Civili, ordnat li ssir investigazzjoni mill-Pulizija, saret inkjesta fl-*in genere* u kienu inizzjati l-proceduri odjerni kontra George Grech u proceduri separati kontra Antoine Vassallo konsegwenza tar-rizultanzi tal-inkjesta;

5. Ezaminati l-provi b'mod akkurat mhux biex tiddeciedi l-kaz mill-gdid izda bil-ghan li din il-Qorti tkun f'qaghda tiggudika jekk l-ewwel Qorti qabilha setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, jemergi illi l-espert kaligrafu Joseph Mallia, nominat fl-*in genere* kien wasal ghall-konkluzzjoni illi l-firma ta' James Grech maghmula fuq id-dokument AMX 1 ma kienitx ta' dan l-ahhar u li kien ghamilha George Grech. Dan l-espert wasal ghall-konkluzzjoni tieghu wara ezami estensiv tal-kaligrafiji ta' James Grech, George Grech u Antoine Vassallo;

6. Id-dokument mmarkat Dok AMX1 a fol 26 huwa kopja tal-original esebit fi proceduri separati. Dan huwa denominat Contract of Purchase li juri dettalji tal-bejjiegh, dettalji tal-vettura u dettalji tax-xerrej li in sintesi huwa dokument ta' trasferiment ta' vettura minn fuq James Grech ghal fuq Antoine Vassallo. Mhux izda, id-dokument ufficjali mahrug minn awtorita' kompetenti ghat-trasferiment ufficjali tal-vetturi. Dan imtela' fil-vojt tieghu b'kaligrafija a mano u dwaru xehed l-espert kaligrafu bil-mod segwenti:

'*Dawn is-samples ġew imqabblin mal-kaligrafija tad-dokument li jinsab a fol 61 tal-proces verbal – il-contract of purchase' u rriżulta li l-kaligrafija li hemm fuq il-parti ta' fuq kienet taqbel mal-karatteristiċi tal-kaligrafija tas-sur George Grech. Għar-rigward il-firma buyer's signature Anton Vassallo din kienet taqbel mal-firma tas-sur Vassallo. Il-firma tas-seller James Grech u n-numru 492280 kienu ġew imqabblin ma' tas-sur Vassallo u r-riżultat kien fin-negattiv, ma' tas-sur James Grech bir-riżultat fin-negattiv u ma' tas-sur George Grech, il-karatteristiċi tal-kaligrafija u n-numru kienu jaqblu mal-kaligrafija u l-karatterisitiċi tan-numri tas-sur George Grech.'*

7. James Grech, xehed illi qatt qabel ma kien ra d-dokument in kwistjoni. Ikkonferma illi l-firma fejn hemm "seller's signature" mhix tiegħu għalkemm tixbaħha u jghid illi qatt ma kien ra lil Antoine Vassallo. Ħuh George la għandu jtih u lanqas iffrodah;

8. Antoine Vassallo xehed illi dwar din il-vettura skada ż-żmien li l-appellant kellu sabiex jirregistraha mal-awtoritajiet la darba impurtata mill-esteru u ghalhekk soggetta ghall-multa ghall-kull jum. Ġaladarba l-vettura titqieghed fuq ismu bhala "resale" ma jkunx soggett ghall-multa. L-appellant talbu l-karta

ħalli jiffirmaha ħuh u x-xhud kemm iffirma l-kuntratt li xtara l-karozza izda l-firma ta' James Grech ma saritx quddiemu. Minghajr din il-firma l-vettura ma setghetx iddur ghal fuqu u Grech kien ikun soggett ghall-multa. Vassallo ddikjara li la ghandu jiehu u lanqas jaghti lill-James Grech u lil huh, l-appellant.

9. L-appellant kien irrilaxxja stqarrija, ma ressaq l-ebda kontestazzjoni dwarha u xehed ukoll quddiem l-ewwel Qorti. Jghid illi Antoine Vassallo kien qallu li bilfors il-karozza riedet iddur fuq ismu inkella kien hemm xi multi li l-appellant kien ikollu jħallas u ghalhekk kien mela xi dettalji fuq il-C*ontract of Purchase* iżda ċaħad li l-firma ta' James Grech kien għamilha hu. Il-vettura ghaddiet għand Antoine Vassallo u jghid illi ma kienx jaf bil-kwistjoni tal-multi f'kaz li ma ssehhx ir-registrazzjoni;

10. Il-kunsiderazzjonijiet li ser isegwu huma maqsuma fuq zewg aspetti sabiex l-ewwel ikun determinat jekk George Grech kienx l-awtur tal-firma ta' James Grech u kienx responsabbli ghaliha l-imputat u dan mill-aspett fattwali. Imbaghad, u f'kaz li jirrizulta hekk, jittiehed konjizzjoni tal-argument legali mressaq mill-appellant illi dan ma jammontax ghal-falsifikazzjoni ciononostante la darba ma hemmx l-element ta' lukru f'dan l-akkadut;

11. Issa, l-ewwel Qorti strahet maggorment fuq ir-relazzjoni tal-espert kaligrafu. Tajjeb li jkun osservat illi fi kwistjonijiet konsimili hafna drabi jigri illi l-konkluzzjoni tal-espert kaligrafu ma tkunx daqstant puntwalizzata u konklussiva b'mod li jinghad li il-kitba tkun saret minn persuna jew ohra u tkun aktar orjentata f'direzzjoni bhal li zgur ma tkunx l-iskrittura ta' Tizju izda ma jistghax jinghad b'certezza li saret minn Sempronju. Fil-kaz odjern sehh dak li ma jsehhx fin-normalita'

u l-espert irrelata mhux biss illi l-firma in kwistjoni ma kienitx ta' James Grech izda ukoll illi kienet saret minn George Grech;

12. Mghadud ma' dan hemm il-fatt ukoll illi l-istess George Grech ma huwiex persuna kredibbli. F'mument jgħid li ma kienx jaf bid-dokument imbagħad jgħid li mela l-partijiet li huma mmarkati bil-blu bhal isem, il-marka tal-vettura u ohrajn hlief ghall-firma tal-bejjiegh. Qal li ma kienx jaf bil-kwistjoni tal-multi izda Antoine Vassallo jgħid li meta l-appellant mar ix-showroom tieghu kien qallu li skadielu ż-żmien u li dawk jeħlu multa kull jum. Konfrontat b'dawn il-kuntrasti u bil-prova inkonfutabbli tal-espert kaligrafu din il-Qorti ma tara xejn irragjonevoli fil-konkluzzjoni tal-ewwel Qorti li kkonkludiet li kien l-appellant li ffalsifika l-firma ta' huh;

13. Inoltre, ma hu ta' ebda soljev dak li jallega l-appellant li Vassallo kellu kopja tal-karta tal-identita' ta' James Grech jekk b'hekk ried jikkonvinci lill-Qorti li kien l-istess Vassallo li ffalsifika l-firma. Sabiex jaghmel hekk, Vassallo kellu mhux biss jimmanifattura firma li tixbah lil dik ta' James Grech izda jaghmilha b'mod li tikkonvinci lill-espert kaligrafu li tkun saret minn id huh George Grech. U dwar dan il-Qorti tqis li din il-linja difensjonali hija wahda destinata li tfalli;

14. Isegwu ghalhekk kunsiderazzjonijiet dwar kemm dik il-falsita' tirrientra fir-reita' ravvizata fl-artikoli tal-Kodici Kriminali skond il-gravam mressaq mill-appellant. L-appellant iressaq l-argument illi ma setghax jinstab hati mill-ewwel Qorti peress illi ma kienx pruvat l-element ta' lukru da parti tieghu fil-kaz li tkun pruvata l-falsita' mill-att fattwali. Jibda biex jinghad illi dawn it-tip ta' kawzi huma gia di natura komplessi fihom innifishom u l-Qorti hija rinfaccjata b'allegat ksur ta' diversi artikoli tal-Kodici Kriminali taht is-Subtitolu II tat-Titolu V meta l-ewwel u t-tielet imputazzjoni huma alternattivi ghall-xulxin

filwaqt illi r-raba wahda alternattiva ghal ewwel tlett imputazzjonijiet;

Jinghad minnufih illi t-tielet imputazzjoni qatt ma setghet tirrizulta stante illi l-iskrittura in kwistjoni mhix wahda privata ghar-ragunijiet li ser isegwu. Fil-fehma ta' din il-Qorti d-dokument imsemmi huwa intiż għall-Awtorita' Pubblika iżda aktar jista' jitqies bħala 'skrittura kummerċjali' fit-termini tal-artikolu 183. L-appellant jiccita diversi awturi biex juri illi fi kwistjoni bhal dik hawn skrutinata jehtieg li ssir il-prova tal-lukru u reciproku telf patrimonjali tat-terz. Dan, izda, huwa l-kaz fejn si tratta ta' falsita' fi skrittura privata skond l-artikolu 187 tal-Kodici Kriminali u mhux fil-kaz tal-artikolu 183 fejn allura ma hemmx il-htiega ta' dan l-element;

15. Fl-ewwel lok, kwantu jekk dan jammontax jew le ghal skrittura kummerċjali l-Qorti qed tagħmel referenza ghall-insenjament tal-Prof. Mamo, (Notes on Criminal Law – Part II – pg 177) :

> *Now, what is to be understood by "commercial documents" ('scritture di commercio')? According to the commentators of the Neapolitan Code, they are those writing which have for their object* <u>*an act of trade*</u> *as defined in the Commercial Law (v. Arabia op. cit., p. 170; Roberti, op. cit., p. 293 et. seq.). Sections 5 and 6 of our Commercial Code give a definition of any such act or which relates thereto would, therefore, be a 'commercial document' for the purposes of this crime. To these must also, however, be added the trade books which, according to the commercial law, traders are bound to or may keep for the purposes of their trade.*
>
> *From this it is clear that a document is not a "commercial document" for the purposes of this crime merely because it*

*emanates from a trader, unless it refers to an "act of trade". A trader, like a public officer, is not different from any other individual when he performs acts which do not depend on his special personal capacity.*

*On the other hand, if the document is a "commercial document" as above defined, it does not matter that the forgery has been committed by a person who is not himself a "trader" as defined in the Commercial Code: "La protezione della legge parte dalla mira di favorire il commercio dalle insidie che possono venire agli atti e alle scritture che lo riguardano; e se questi insidie sono ugualmenta dannose sia che provvengano da un 'negoziante' sia che derivino da persone estranee alla mercatura, non vi sarebbe ragione alcuna per distinguere l'uno dalle altre (Roberti, op. cit., p. 310).* Tajjeb ukoll issir referenza ghas-sentenza Il-Pulizija vs Spiru Quintano et fejn kien ritenut illi:

*Biljett ta' charabanc huwa skrittura u mhux ta' ostakolu għall-kwalifika ta' dak il-bijett bħala l-fatt li l-biljett hu stampat; u huwa skrittura kummerċjali għax konness ma' impriża tat-trasport.'*

*16.* Issa kwantu ghall-aspett ta' lukru kif sollevat mill-appellant, ssir referenza ghal dak li jgħid il-Professur Mamo fin-Noti tiegħu –

*'The possibility of injury is also much insisted on by various writers. But the more generally accepted commentators of systems of positive law similar to our own propound the view that a distinction has to be made between public documents and private writings. With regards to the former the possibility of prejudice to the rights of others is not an essential condition of the crime; such an element is, on the contrary necessary in the case of forgery of private writings.*

*This solution appears to be the one consistent with the provisions of our Criminal Code which, in the definition of the various crimes of forgery created thereby makes no reference at all to the possibility of prejudice to the rights of others or of any illicit gain except in regard to the forgery of private writings in respect of which section 187 requires that the forgery shall 'tend to cause injury to any person or to procure gain.'*

17. Il-Professur Mamo jkompli billi jikkwota lil Roberti meta jghid :

*'I dottori di molte leggi....avevan dedotto che quando lo scritto o falso, o falsificato fosse intrinsicamente non atto a recar danno e lucro, non potesse andar soggetto alla pena ordinaria del falso....Le Leggi nostre di quel pregudizio o di quel lucro, e della possibilita' di produrli col mezzo del falso, non han parlato espressamente che quando contemplano la falsita' nelle scritture private. In fatti nell'articolo 293 esigono come elemento sostanziale di essa che la scrittura sia atta a nuocere altrui, o a produrre alcun lucro laddove nel falso in pubbliche scritture, preoccupate, e meritamente, dalla premeura di garantire la fede pubblica a quella attribuita, non pare che essenziale del reato.....*

Umbaghad l-istess awtur jghid :

*'Ma da banda per sempre le sottigliezze e le cavillazioni alle quali da campo l'errore di ammettere al falso un elemento che la legge non richiede; quello cioe' del danno secondario, o anche alla semplice possibilita' di esso. Ripetiamolo per l'ultima volta: <u>la legge nel falso in pubblica scrittura non guarda che alla violazione della pubblica fede.' (sottolinear tal-Qorti).</u>*

18. Illi ghalhekk l-appellant ma ghandux ragun f'dan l-aggravju, pero' estiz ghat-tielet u r-raba' imputazzjoni l-argument huwa wiehed validu u akkolt ukoll fid-dotrina kif jidher minn dak citat *supra*. L-appell ghalhekk ser ikun akkolt biss kwantu it-tielet u r-raba imputazzjoni li fi kwalunkwe kaz kienu alternattivi ghall-ewwel u t-tieni;

19. Kwantu l-piena erogata mill-ewwel Qorti, l-appellant talab li tkun nflitta piena aktar idoneja u anqas harxa u li tirrispekkja c-cirkostanzi tal-kaz. Kwantu hekk, hija l-prassi stabilita li din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti kwantu l-piena kominata sakemm ma jkun hemm xejn x'jiddimostra li din ma kienitx fil-parametri tal-ligi u kellha tkun anqas jew aktar, f'kaz t'appell mill-Avukat Generali, minn dik erogabbli. Issa fil-kaz hawn skrutinat, l-ewwel Qorti sabet htija fl-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra l-imputat meta dan ma kellux ikun kif deciz *supra*. Illi ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena anke wara li rat il-fedina penali tal-imputat mtebba b'reat kommess lura fis-sena 2009 pero ta' natura serja konsistenti f'theddid permezz ta' apparat cellulari kontra membru parlamentari;

20. Ghalhekk din il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata billi **thassarha** f'dik il-parti li fiha sabet lill-appellant hati tat-tielet u r-raba' imputazzjoni kif ukoll filli kkundannatu ghal-terminu ta' sentejn prigunerija sospizi ghall-tliet snin fit-termini tal-artikolu 28 tal-Kodici Kriminali, **tikkonfermaha** f'dik il-parti li biha sabet lill-imputat hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni u f'dik il-parti li biha kkundannatu ihallas l-ispejjez inkorsi fin-nomina tal-periti fl-ammont ta' €767.19 u minflok il-piena erogata, tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' tmintax-il xahar (18) liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti reat iehor

punibbli bi prigunerija fi zmien sena mil-lum fit-terminu tal-artikolu 28 A tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti ser tghaddi biex tispjega fi kliem car lill-appellant l-obbligi tieghu naxxenti minn din is-sentenza.